

# News Releases





# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali: Ġunju tal-2023

NR136/2023 Data tal-Ħruġ: 31 ta' Lulju 2023 Data tal-Għeluq: 27 ta' Lulju 2023

*F'Ġunju tal-2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali rreġistra żieda ta' 4.0 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2022.*



**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel ma' Ġunju 2022, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali tela' b'4.0 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet urew ruħhom fl-oġġetti tal-konsum (7.8 fil-mija), fl-oġġetti kapitali (5.4 fil-mija) u fl-oġġetti intermedji (2.2 fil-mija). Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet tal-qasam tal-enerġija.

Il-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali għas-suq domestiku żdiedu b'1.5 fil-mija. Żidiet fil-prezz dehru fl-oġġetti tal-konsum (5.4 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (2.6 fil-mija). L-oġġetti intermedji naqsu b'1.8 fil-mija.

Il-prezzijiet mhux domestiċi żdiedu b'5.8 fil-mija. Hawnhekk, il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro telgħu b'6.4 fil-mija, filwaqt li ta' dawk maħsuba għaż-Żona tal-Ewro telgħu b'4.6 fil-mija (Tabella nru 2).

**Tqabbil max-xahar ta' qabel**

F'Ġunju tal-2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali żdied b'0.2 fil-mija meta mqabbel ma' Mejju tal-2023. L-oġġetti kapitali u l-oġġetti tal-konsum żdiedu b'1.0 fil-mija u b'0.1 fil-mija, rispettivament. Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet fl-oqsma tal-oġġetti intermedji u tal-enerġija.

Il-prezzijiet tas-suq domestiku niżlu b'0.2 fil-mija minħabba tnaqqis ta' 0.9 fil-mija fl-oġġetti intermedji. Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet fl-oġġetti kapitali u fl-oġġetti konsum.

Il-prezzijiet mhux domestiċi żdiedu b'0.4 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona tal-Ewro telgħu b'0.7 fil-mija, filwaqt li ta' dawk maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro żdiedu b'0.3 fil-mija (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali

(2015=100) għall-industrija kollha

